# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Lulju 2019

**Rikors Numru : 141/2019JPG**

**Kawza Numru : 27**

**GA**

**U**

**HA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' GA u HA, datat 20 ta' Marzu 2019, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewgu nhar il-31 ta' Mejju 2003 (certifikat taz-zwieg immarkwat bhala Dok. 'A').*

2. *Illi minn tali zwieg huma kellhom tifla bl-isem C li ghandha sbatax-il sena u nofs..*

3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech datat 23 ta' Lulju 2014 (vide kuntratt anness).*

4. *Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment ghal aktar minn erbgha (4) snin.*

5. *Illi r-rikorrenti ma jaraw li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw.*

6. *Illi m'hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i. *Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejniethom huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.*

ii. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk milll-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**GA** xehed illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Mejju 2003 u kienu ottjenew is-separazzjoni legali fit-23 ta' Lulju 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda li ghadha minorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**HA** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' GA

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

***66B.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Mejju 2003, (vide Dok A, a fol 2) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom wild wiehed;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja, datat 23 ta' Lulju 2014 (vide Dok.B fol 3 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u tqis li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tilqa t-talba kongunta ghal-akkorciment tal-perjodu ghall-appell ghal jumejn – (vide verbal tat-3 ta' Gunju 2019.)**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**